

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 362/2014****tad-9 ta' April 2014****li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Spanjola tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jstabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 2(3) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1258/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi għan-nitrati fl-oġġetti tal-ikel <sup>(2)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Sar żball fil-verżjoni bil-lingwa Spanjola tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 <sup>(3)</sup> u l-emenda tiegħu permezz tar-Regolament (UE) Nru 1258/2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar livelli massimi għan-nitrati fl-oġġetti tal-ikel. Għaldaqstant hija meħtieġa korrezzjoni tat-test tat-tabella fl-Anness tal-verżjoni bil-lingwa Spanjola tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006. Il-lingwi l-oħra m'humiex affettwati.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għaldaqstant għandu jiġi kkoreġut skont dan.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1**(Jikkonċerna biss il-verżjoni bil-lingwa Spanjola).**Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2014.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠUL 37, 13.2.1993, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠUL 320, 3.12.2011, p. 15.<sup>(3)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠUL 364, 20.12.2006, p. 5).